# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 68/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 6 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-17:00hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Viċi Sindku*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 67

68.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 67 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024.

68.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill iħallas għall-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill.

68.3.1.2 Il-Kunsillieri John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea qalu li ma kienx hemm għalfejn li ssir polza għalihom peress li huma koperti b'polza oħra.

68.3.1.3 Il-Kunsilliera qablu unanimament li bħala ringrazzjament tax-xogħol wara l-ħin imwettaq mis-Segretarju Eżekuttiv fl-attività Gigantic, il-Kunsill kellu jħallsilha għall-*Hospital Scheme* minflok għall-*Basic Scheme*.

68.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-attività Rigal b'Imħabba li ser tkun qed tittella' għar-raba' sena konsekuttiva fuq inizjattiva ta' Dr. Lydia Abela.

68.3.2.1 Il-Kunsill intalab jipparteċipa billi jinġabru rigali għat-tfal, li l–familji jew kustodji tagħhom m'humiex f'qagħda li jixtrulhom rigal fil-Milied, bejn it-12 u l-20 ta' Diċembru, biex fil-21 ta' Diċembru jitpoġġew taħt is-siġra tal-Milied li tiġi mtella' fi Pjazza Kastilja.

68.3.2.2 Għal din l-attività kull Kunsill parteċipi ser ikun qed jirċievi siġra tal-Milied li wara ser titħawwel minn Ambjent Malta fil-lokalità.

68.3.2.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-attività u qablu li l-Kunsill jipparteċipa.

68.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Iskola Primarja dwar l-iskart tal-borża s-sewda minħabba li qed ikollhom problema biex joħorġuh nhar ta' Sibt.

68.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill jagħti *wheely bin* lill-Iskola biex ipoġġu fih il-boroż is-suwed u imbgħad jinħarġu għall-kollezzjoni nhar ta' Tlieta.

68.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva stqarrija dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fi protesta paċifika kontra t-trasferiment u l-iżvilupp tat-tarmak u l-impjant tal-konkrit minn Ħal Far għall-Qrendi/Mqabba (PA06979/21).

68.3.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu kien attenda għal din il-protesta.

68.3.4.2 Il-Kunsilliera preżenti qalu li huma kienu jaqblu ma' din l-oġġezzjoni.

68.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Kunsill Reġjonali tat-Tfal.

68.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob aktar informazzjoni.

68.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva diversi korrispondenzi dwar it-talba biex in-Naħla Maltija tiġi dikjarata bħala l-Insett Nazzjonali.

68.3.6.1 Il-Kunsilliera raw il-korrispondenza riċevuta u qablu li l-Kunsill imexxi bl-iffirmar ta' din it-talba.

68.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-NAO Report dwar l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2022.

68.3.7.1 Il-Kunsilliera raw dan ir-rapport u rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol tagħha għax il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien wieħed mill-ftit li daħħlu l-istqarrijiet finanzjarji fil-ħin mitlub u l-Kunsill tagħna kien għalaq is-sena tajjeb fejn l-awdituri kienu wkoll ħarġu b'opinjoni.

68.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Università ta' Malta flimkien mal-Institute for Climate Change and Sustainable Development flimkien mar-Reġjun Punent rigward proġett bit-tema 'Nudging Active Travel', fejn ser isir *walking and cycling pole* fil-lokalità.

68.3.8.1 Is-Sindku spjega li dan il- *walking and cycling pole* ser jitpoġġa fuq il-bankina ħdejn l-*open gym*.

68.3.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu mal-post propost.

68.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa mal-Ispettur li jieħu ħsieb il-Community Police. Għalkemm dan is-servizz beda f'Settembru li għadda sa issa mhux qed ikun hawn Community Police fil-lokalità.

68.3.9.1 Is-Sindku spjega li hu flimkien mas-Sindku ta' Ħal Safi u mas-Sindku tal-Imqabba talbu appuntament mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tiġi diskussa din il-materja għax kif inhi s-sistema mhux qed ikun hawn pulizija fil-lokalitajiet.

68.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu jagħmel laqgħa annwali f'Diċembru biex jiġu diskussi l-estimi finanzjarji.

68.3.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li din il-laqgħa suppost issir f'Diċembru skont l-emenda fil-liġi. Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti qalu li sfortunatament minħabba l-impenji li kellhom matul ix-xahar ta' Diċembru din il-laqgħa ma setgħetx issir f'Diċembru 2023.

68.3.10.2 Għaldaqstant il-Kunsillliera ddiskutew data għal Jannar 2024, fejn ġie maqbul li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità ssir fid-29 ta' Jannar, 2024 fil-17:30hrs.

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

68.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar id-*diversions* li saru fi Triq San Pietru minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fit-toroq bħalissa. Hu qal li dawn mhux qegħdin tajjeb.

68.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li dawn saru biex jitnaqqas it-traffiku mill-*area* fejn qed isir ix-xogħol.

68.4.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbagħat *email* lill-Infrastracture Malta fejn jintalbu li ssir tabella fi Triq Danny Cremona ma *barrier* tal-pulizija Ħal Kirkop Centre.

68.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar ritratt li tela' fuq facebook wara l-attività GIGANTIC. Hu qal li dan ir-ritratt kellu jittieħed qabel spiċċat l-attività biex jidħol fih kulħadd u l-Kunsill kollu. Għax hu parti mill-Kunsill u għaldaqstant isir x'isir il-Kunsilliera għandhom jidhru kollha.

68.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu ser jibqa' jagħmel ix-xogħol tad-dekasteri tiegħu u xejn aktar għax hu jħoss li mhux apprezzat.

68.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-kennies u talab biex dan inaddaf Triq San Nikola għax issa hija passaġġa ħafna.

68.4.4.1 Fl-istess rigward, il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn ukoll li titnaddaf it-trejqa bejn Misraħ Jeremy Buoissevain u Triq Danny Cremona.

68.4.4.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien ser ikellem lill-kuntrattur tal-knis biex jieħu ħsieb idur il-lokalità sew. Apparti hekk is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu għaddej bl-evalwazzjoni tat-tender.

68.4.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kien kellimha xi ħadd rigward *parking bays* fi Triq San Benedittu li kellu problema bil-qies tal-parkeġġ.

68.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ser jiċċekkja xi problema hemm u jara jekk tistax tiġi rranġata.

68.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 68.5 Rapport tal-Ilmenti

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward il-mera li nqalat minn Triq Tal-Fieres, liema mera kienet qed tagħti għal Triq id-Duluri.

68.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din titwaħħal fuq arblu li jkun imwaħħal eżatt quddiem il-faċċata bejn iż-żewġ appoġġi.

68.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward qlugħ ta' bozza minn ma' faċċata ta' residenza fi Triq San Pietru.

68.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din tista' tinqala a spejjeż tar-resident u ssir bozza fuq arblu li wkoll tkun a spejjeż tar-resident.

68.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 68.6 GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market

68.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din kienet attività suċċess – kien hemm kliem ta' tifħir kemm minn dawk li attendew, kemm mill-bejjiegħa u kif ukoll mill-għaqdiet. Ħlief kliem ta' tifħir ma kienx hemm għax vera kienet organizzata tajjeb ħafna.

68.6.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kienet attività suċċess kbir. Hu kompla jgħid li xtaq iżid li jekk terġa' ssir, nhar ta' Sibt iddum ftit aktar għax in-nies xtaqu jdumu iżjed u anke l-Ħadd forsi ddum sat-8.00pm minflok sal-5.00pm.

68.6.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li forsi setgħu isiru aktar dekorazzjonijiet bid-dawl. Il-Kunsilliera qalu li dawk li saru kienu saru minn voluntiera u l-Kunsill xtara l-materjal biss. Li kieku d-dawl kellu jinkera, dawn kienu jiġu jiswew eluf ta' ewro.

68.6.4 Il-Kunsillier Cody Galea qal hemm bżonn naħdmu aktar fuq l-entraturi billi narmawhom aktar u nagħmlu xi *banners* kbar bħal ma konna għamilna fl-2019.

68.6.5 Is-Sindku Terence Agius qal li l-*ispeakers* mat-toroq kienu jagħmlu atmosfera sabiħa ħafna iżda s-sistema għandha tkun tista' tiġi kkontrolata aħjar għax kien hemm postijiet fejn kien hemm volum baxx u postijiet oħra fejn kien hemm volum għoli.

68.6.6 Is-Sindku Terence Agius qal li jekk GIGANTIC ser terġa' ssir l-għaqdiet għandhom iġibu l-programm bil-pjanti dettaljati sa tlett ġimgħat qabel l-attività biex jiġi evitat kull *misunderstanding*.

68.6.7 Is-Sindku Terence Agius flimkien mal-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li mexxiet din l-attività u ħadmet siegħat twal wara l-ħin normali tax-xogħol mingħajr ħlas u li bix-xogħol organizzat tagħha din l-attività kienet suċċess kbir.

68.6.8 Is-Sindku irringrazzja wkoll lill-voluntiera li ħadmu biex din l-attività kienet suċċess fosthom l-Artist Clint Grech li jkun minn ta' quddiem biex b'mod volontarju jgħin lill-Kunsill f'kull attività li jkollu.

68.6.9 Il-Kunsilliera ingħaqdu mas-Sindku fir-ringrazzjamenti tiegħu.

## 68.7 Proġett us4EU – Event III – 13-16 Dec – Ħal Kirkop, Malta

68.7.1 Is-Sindku Terence Agius ta spjegazzjoni tal-programm u qal li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed tieħu ħsieb il-preparamenti kollha biex tilqa' din id-delegazzjoni minn 15-il pajjiż madwar l-Ewropa.

68.7.2 Il-Kunsilliera kollha qalu li kienu ser jattendu għal dan il-Proġett. Il-Kunsill kien ħaseb ukoll f'tifkira biex tingħata lill-parteċipanti kollha.

## 68.8 Festin tal-Milied għall-Familji

68.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-preparamenti għall-festin tal-Milied kienu għaddejjin ġmielhom. L-ikel kien ordnat u t-tifkira għal dawk li ser jattendu kienet qed tiġi ppreparata wkoll.

68.8.2 Is-Sindku qal li sakemm dħalna għal-laqgħa kien hemm 65 persuna miktubin għal dan il-festin.

## 68.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

68.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 144 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

68.9.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 144 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 68.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

68.10.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

68.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2024 fil-17:00hrs.

68.10.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:45 hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 17 ta' Jannar, 2024

**Mozzjoni Ref:** 339/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 67.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 6 ta' Diċembru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 340/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 144.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 6 ta' Diċembru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**